# IL-GVERN JONQOS MILLI JONORA FTEHIM MAL-KAMRA TAL-PERITI DWAR ALLOKAZZJONI TA' FONDI

Waqt l-Laqgħa Ġeneral Annwali reċenti, il-President tal-Kamra tal-Periti spjega is-suċċessi u l-isfidi li kellha l-Kamra matul 2023.

Fost is-suċċessi, Andre Pizzuto ssottolinea tliet b'mod partikolari:

1. Id-daħla fis-seħħ tal-Att dwar il-Periti, u l-pubblikazzjoni għall-ewwel darba fl-istorja tal-professjoni ta' żewġ listi separati ta' arkitetti liċenzjati u inġiniera ċivili liċenzjati.
2. Id-daħla fis-seħħ tar-regolamenti l-ġodda tal-liċenzjar tal-kuntratturi, li l-Kamra ilha tinsisti għalihom mill-2007.
3. Il-profil għoli li laħqed il-Kamra fuq livell internazzjonali b'rappreżentanza diretta fuq l-*Architects' Council of Europe*, il-*European Council of Civil Engineers*, u *Engineers Europe.*

Pizzuto esprima s-sodisfazzjoni tiegħu dwar l-effiċjenza li biha l-Kunsill ipproċessa l-każijiet ta' kondotta professjonali matul l-2023. Huwa rrimarka kif kien titjib sostanzjali fi kważi l-fażijiet tal-proċess kollha (ara fig.1), minkejja l-fatt illi l-ipproċessar ta' dawn il- proċeduri għadhom isiru b'mod volontarju mingħajr ebda allokazzjoni ta' fondi mill-gvern.

Pizzuto esprima sodisfazzjoni ukoll għall-fatt illi wara negozzjati twal li bdew minn Mejju 2021, il-gvern saflaħħar ittrasferixxa l-ammont ta' €15,000 sabiex il-Kamra tużahom bħala kapparra fit-tfassil ta' sistema tal-IT li ser tassistiha timplimenta r-rwoli ġodda assenjati lilha bil-liġi.

Minkejja dan, Pizzuto esprima d-diżappunt kbir tiegħu illi minkejja assigurazzjonijiet li ngħataw lill-Kunsill f'Lulju 2023, ftit wara t-twaqqif tal-inkjesta pubblika dwar it-traġedja ta' Jean Paul Sofia, li kien ser jiġi allokat baġit ta' €150,000 f'Ottubru li għadda sabiex ikopri parti mill-ispejjeż statutorji tal-Kamra, dawn il-wegħdiet baqgħu ma twettqux.

Dan id-diżappunt żdied meta ġie nnotat illi filwaqt illi l-gvern dehrlu li l-Kamra tal-Periti ma kelliex tingħata fondi, il-Bord tal-Liċenzji tal-Estate Agents ingħata €150,000, u Proprjetà Malta ingħatat €300,000 oħra.

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta
t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org
Kamra tal-Periti




*Figura 1 – L-istatus tal-kazijiet ta' kondotta professjonali fi tmiem is-sena*

In-nuqqas ta' allokazzjoni ta' fondi mill-gvern għall-Kamra – partikolarment fi żmien meta l-industrija tal-kostruzzjoni għaddejja minn kriżi u teħtieġ b'mod qawwi investiment f'taħriġ, twaqqif ta' standards, u infurzar effettiv (li jinkludi l-proċeduri tal-kondotta mmexxija mill-Kamra) – huwa kkunsidrat mill-Kunsill bħala politikament negliġenti u juri nuqqas ta' viżjoni fit-tul fejn tirrigwardja l-professjoni.

Il-Kamra tittama li l-gvern jerġa jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u jalloka l-fondi kollha neċessarji sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha skont il-liġi fl-interess pubbliku.

Fi tmiem il-laqgħa ġenerali, il-Kunsill il-ġdid għall-2024 ġie appuntat kif ġej:

| | |
|---|---|
| President | Perit Andre Pizzuto |
| Viċi President | Perit Matias Camilleri de Marco |
| Teżorier Onorarju | Perit Ivynne Grixti |
| Segretarju Onorarju | Perit Nicholas Mallia |
| Segretarju Internazzjonali u tal-Komunikazzjoni | Perit Joeaby Vassallo |
| Segretarju Ġenerali | Perit Matthew J. Mercieca |
| Segretarju għall-Iżvilupp | Perit Philip Farrugia |
| Segretarja għall-Edukazzjoni | Perit Prof. Rebecca Dalli Gonzi |
| Segretarju għall-Kultura | Perit Sebastian Grima |
| Liaison Officer | Perit Anthony Bezzina |

**TMIEM**